MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru 47/2009

PULIZIJA
SPETTUR SANDRA ZAMMIT
VS
PHILIP GALDES

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Philip Galdes detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 7664(M), iben Gaudence u Georgia nee’ Attard, imwieled Hal Qormi fis-6 ta’ Dicembru 1963 u residenti gewwa Nru. 18, Orchidea, Triq Pietru Felici, Hal Qormi.

Illi huwa akkuzat talli fis-27 ta’ Ottubru, 2008 ghall-habta tas-1:05a.m. gewwa Triq is-Siggiewi, Haz Zebbug ikkommetta serq ta’ tlett panels ta’ l-*istainless steel* minn fuq *bus shelter* li jammontaw ghall-Euros 1527, liema serq

huwa kkwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-hin u li sehh ghad-detriment ta’ Faces Displays.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq l-istess *bus shelter* a detriment ta’ Faces Displays, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), izda teccedi l-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat dwar l-ewwel akkuza;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni ta’ l-imputat wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-imputat rregistra ammissjoni piena ghal akkuza ta’ serq ta’ tlett (3) pjanci ta’ l-*istainless steel* minn *bus shelter* indikat fic-citazzjoni.

Ir-res furtiva giet elevata mill-*mini van* ta’ l-imputat u konsenjata lil sidha.

L-imputat gie mixli wkoll b'akkuza ta' hsara volontarja konsistenti f'235 Euro li huma l-ammont sborzat mis-societa' *Faces Limited* sabiex terga' tinstalla l-pjanca ta' l-*istainless steel* fil-*bus shelter* koncernat (ara verbal ta' Spettur Sandra Zammit ta' l-14 ta' Lulju 2009 – Dok.PG2)

L-akkuza ta' hsara volontarja, fil-fehma ta' din il-Qorti, tirrisali meta wiehed jinfliggi danni, jew jgharraq hwejjeg haddiehor intenzjonalment.

Fil-kaz in ezami, il-provi juru illi l-imputat, permzz ta' tornavit, zvita il-pjanci ta' l-*istainless steel* ta' *bus shelter*, ghabbiehom fil-*mini van* li kien qieghed jsuq sabiex jkun jista' juzhom bhala xkaffef. Ebda hsara intenzjonata jew att vandalu ma sehh fuq il-pjanci affatto. Illi l-ispejjes inkorsi sabiex jergghu jigu nstallati il-pjanci, fil-fehma ta' din il-Qorti, b'ebda mod ma jaqghu entra l-parametri ta' reat ta' hsara volontarja mahsub fl-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm wiehed jista' jirraviva li jirrisalu bhala danni civili.

Il-kaz kien ikun ferm divers li kieku l-imputat apparti s-serq tal-pjanci, ghamel xi att vandalu fuqhom, sformohom, ghawwighom jew b'xi mod iehor hassar jew biddel jew varja il-forma essenzjali taghhom. Jirrizulta mill-atti illi l-imputat hallas is-somma ta' 235 Euro ghal re-installazzjoni tal-pjanci.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Philip Galdes, hati ta' l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni (2) akkuza li minnha tilliberah u wara li rat Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat huwa a *first offender*, il-fatt li r-res furtiva giet rikoverata b'mod komplet u ritornata lil sidha, l-fatt li l-imputat hallas ghall-ispejjes inkorsi ta' re-installazzjoni tal-pjanci koncernati u l-fatt li rregistra ammissjoni fl-istadju bikri tal-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------